**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 83 – IT-TNEJN, 17 TA' APRIL 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 82

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is- Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 82

2.1 Ma kienx hemm punti mtella'.

## 3 Pagamenti Numru 73

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-guva fil-Ġnien Santa Margerita.

4.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill ta' San Ġwann jingħaqad mal-Kunsilli tas-Swieqi u ta' San Ġiljan biex ikun hemm Perit komuni responsabbli mill-moniteraġġ ta' applikazzjonijiet f'Wied Għomor.

4.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm laqgħa oħra mal-ERA biex jiġi diskuss kif u meta ser jitneħħew l-affarjiet li hemm fil-mitħna.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġie innutat invit għal launch ta' guidelines għall-fondi kulturali, it-Tlieta, 18 ta' April. Għandu jattendi s-Segretarju Eżekuttiv.

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba mid-Dipartiment tas-Saħħa biex il-Kunsill jiddentifika ħames postijiet fejn jistgħu jsiru ovitraps għan-nemus. Kien hemm qbil fuq din.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba, minn NextBike, biex issir station oħra fejn Triq il-Qrempuċ, iffinanzjata minn The Hub. Kien hemm qbil li din issir, sakemm isir construction build out biex dawk li jagħmlu użu mir-roti jkunu protetti minn vetturi għaddejin.

5.4 Kien hemm qbil li tinħareġ No Objection għal talba biex il-komunità NeoCatechumenal jorganizzaw attività reliġjuza f'parti minn Misraħ Lourdes fil-Ħdud bejn it-23 ta' April u l-21 ta' Mejju.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

6.1.1 Għandu jsir manutenzjoni fil-Ġnien Karin Grech sakemm jibda x-xogħol tal-proġett.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

6.2.1 Korrispondenza mis-Segretarju tan-Nursery ta' San Ġwann Football Club. Wara diskussjoni ġie deċiż li tintbagħat risposta fejn il-Kunsill għandu jgħin l-għaqdiet kollha, u għalhekk għandu l-budget tiegħu. Ġie innutat ukoll li din l-għajnuna spiċċat, skont il-kontenut ta' din l-ittra, bħala obbligu minflok ringrazzjament.

6.2.2 Il-website tal-kunsill kważi lesta, u għandha ssir laqgħa finali biex jiġu kkonfermati xi dettalji żgħar.

6.2.3 Għandha ssir reminder lil TM rigward il-blue sticker reserved parking fi Pjazza Borg Brared, kif ukoll jintalbu kwotazzjonijiet oħra għal printing tal-ktieb.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |